Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 31
## It-Tlieta 19 ta'Ottubru 2021

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30pm.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier (Hareg 7:35pm)
Alfred Farrugia : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

31.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti.

### 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

31.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-30 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

31.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari SPI/TW/8/2021 dwar il-proċess ta' gemellaġġ minn Reġjun/Kunsill Lokali. Hawn spjegat l-iskop li huwa biex jiffaċilita l-proċess involut qabel mal-Kunsilli Reġjonali u Lokali jkunu jistgħu jibgħatu t-talba tagħhom biex jinbeda l-proċess għall-ġemellaġġ.

31.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari 8/2021 dwar offsetting tal-ispejjeż relatati mal-Wasteserv u talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti dettalji dwar is-suġġett.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Offsetting ser isir billi hekk kif il-Wasteserv tirċievi l-fatturi mill-Kunsilli Lokali dwar l iskart organiku ser tagħmel eżerċizzju sabiex dawn l-ammonti jkunu mnaqqsa mill-fatturi li l-Wasteserv tkun bagħtet dwar it-tipping fees u toħroġ id-differenza li jkun fadal b'hekk jitnaqqas iż-żmien li l-ammonti dovuti lil kunsill jkunu mħallsa.

31.3.03 B'referenza għal ċirkulari AKL 2021/097, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar sessjoni ta' diskussjoni li saret fit-18 ta'Ottubru li għaliha kien hemm preżenti it-tim tal-Community Policing kif ukoll rappreżentanti mill-Protezzjoni Ċivili, sabiex jingħataw aktar dettalji dwar dawn il-programmi.

### 31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

31.4.01 B'referenza għall-minuti 28.4.05 dwar l-aċċess għal Triq San Andrija,jkun one way l-isfel , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li TM approvat il-proposta tal-kunsill biex it-tabella għal except for registered farmers only holding LC permit tkun implimentata. Hawn kompla jispjega li flimkien mal-kunsillier Emanuel Brincat mar fuq il-post biex jkun determinat fejn hemm bżonn il-road humps , mirja u tabelli biex javżaw lill vetturi kbar jevitaw milli jinżlu minn dik it-triq.

31.4.02 B'referenza għal minuti 30-3-02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li kien hemm laqgħat dwar il-korsijiet tal-MSc għal dawk interessati. Hawn spjegat li qed jingħataw d-dettalji dwar kif issir ħlas lura mill-Get Qualified kif ukoll l- għajnuna li ser tingħata mid-dipartiment , mill- AKL u issa hemm ukoll skema għal fondi tar-Regjun Ċentru. Kompliet li hi u s-Segretarju lestew dan il-kors.

31.4.03 B'referenza għal minuti 30-4-03, dwar President's Solidarity Fun Run 2021, is-Sur Nicholas J.Chircop spjega fid-dettal ir-rotta proposta mill-kunsill.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li dawk li se jieħdu sehem jistgħu jirreġistraw mal-kunsill fejn se jkun hemm wkoll T-shirts u tkellmet dwar dettalji oħra.

31.4.04 B'referenza għall-minuti 30.4.06, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li minħabba li kienet imsiefra saret taf bil-konferenza tal-GHRC dwar ix-xogħolijiet fuq il-promenade ftit ħin qabel ma bagħtet tavża lill kulħadd. Hawn semmiet wkoll xi artikli u kummenti li dehru fuq gazzetti u facebook dwar is-siġar li fil-verità ħafna minn dawn qed jiġu trasferiti wara rakkomandazzjonijiet li saru bl-approvazzjoni tal-PA għal go postijiet oħra aktar addattati fl-Imsida minħabba li dawn kibru u l-għeruq qed imissu mal-ilma baħar.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-PA ħarġet permessi apposta fejn hemm inkluż fejn u kemm minn dawn is-siġar irridu jiġu mħawwla go kull post indikat.

Is-Sur Alfred Farrugia spjega li kien iltaqa' mal-perit u marru go postijiet differenti fl-Imsida biex sabu postijiet aktar addattati fejn dawn jistgħu jiġu trasferiti bħal Ċirku tal-Imsida, Triq Indrì Grima jew postijiet oħra.
B'relazzjoni ma'dan il-proġett Is-Sindku Margaret poġġiet fuq il-mejda pjanta għal Traffic Management temporanju ghall-Xatt Ta' Xbiex sakemm ssir ċertu xogħolijiet fuq il-promenade.
Is-Sur Maurice Agius qal li la beda il-proġett li l-kunsill rrid jara dwar l-skall u tkellem dwar il-Bye Law u il-pjanti minħabba il-qisien tad-dgħajjes.

31.4.05 B'referenza għall-minuti 30.4.01, is-Sur Maurice Agius xtaq jgħid prosit lis-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għax tkellmet sew dwar it-tħassib tar-residenti meta wieġbet għal mistoqsija li saret dwar il-proġett tal-flyover waqt il-press conference tal-promenade.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li riedet ticcara xi punti dwar il-mistoqsijiet fuq il-flyover bhal per ezempju spjegat li matul l-aħħar seduti kien hemm diskussjonijiet fuq is-suġġett u l-kunsill unanimament ma jaqbilx mal-overhead pedestrian passage fejn ħa pożizzjoni fuq dan il-punt li tkellmet fuqu. Għalhekk ma tistax tifhem kif ġurnal lokali ried jikteb li l-kunsill qed jevita diskussjoni fuq is-suġġett meta fil-mument dan għadu fil-proċess ta' screening u ma tistax tiddiskuti fuq xi haġa li għadek ma tafx f'hiex waslet ma' l-Awtorità tal-Ippjanar. Illum kull min irrid jivverifika x'qed jagħmel il-kunsill jista' jagħmel dan għax hemm aċċess online għal minuti ta' kull seduta li saret .Fil-fatt anke fl-aħħar seduta kien hemm proposta ta' resident mill-Imsida fejn ippropona alternattiva għal pjanta kurrenti tal-proġett fejn tista' ssir bulevard miftuħa. Hawn spjegat li din tipprovdi għal aktar spazju pubbliku iżda ma tagħtix soluzzjoni biex ma jkunx hemm l-Istrutturi tal-overhead pedestrian passage. Ma dan trrid tara wkoll li l-proġett mhux biss il-flyover u l-overpass.

Is-Sur Maurice Agius qal li ma kienx hemm qbil fuq il-pedestrian over pass u li l-kunsill ippropona l-underpass.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ma dawn hemm wkoll xogħol għal water retention biex jindirizza il-problema tal-għarar u l-embellishment tal-ġnien.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li filwaqt li jaqbel li hemm bżonn ssir xi haġa huwa għamilha ċara li ma' jaqbilx mal-proġett kif propost u jixtieq jara li alternattivi oħra għal flyover biex tinstab soluzzjoni għal problema tat-traffiku iżda sa issa ħadd ma ġie b'ideat differenti apparti dawk ġa msemmija waqt is-seduti. Hawn staqsa wkoll jekk hemmx ħjiel meta il-pjanti finali tal-proġett se jkunu lesti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li kien hemm wkoll il-proposti tal-parkeġġ biex jitlaq minn fejn il-monument u jsir akbar kif indikat fil-pjanti b'hekk jikber l-ispazju għal ġnien. Għalhekk dan kollu għandu jkun diskuss b'mod holistiku. Il-verità hija li kien hemm ħafna kritika minn gruppi jew nies differenti iżda ħadd ma' ġie bil-proposti għal soluzzjoni ħlief dawk ġa' preżentati f'seduti preċedenti. Fil-fatt kien hemm waħda li kienet biss disinn fejn l-istess pproponiet kien frank u spjega li huwa mhux Inġinier u jiddependi minn dak li huwa teknikament possibbli.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li meta ra il-proposta tal-metro jidher li la huwa possibbli ssir terminal eżatt fejn indika il-kunsill allura l-underpass huwa possibbli li ssir wkoll kif propost.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li wara li ħarġu dawn l-aħħar proposti li għamel il-Gvern għal metro hemm bżonn li l-kunsilliera jiltaqgħu barra mis-seduta tal-kunsill biex jiddiskutu sew u jaraw l-aħjar mod biex imexxu anke għax hemm ukoll ħafna affarijiet li għadhom pendenti inkluż il-ġnien u l-bini ta' latrina ġdida.

31.4.06 B'referenza għal-minuti 30.4.02, is-sur Emanuel Brincat staqsa jekk kienx hemm risposti aktar għal ittra mibgħuta lir-residenti dwar tibdil fl-isem tat-triq it-Torri.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma' waslet l-ebda risposta għajr dik msemmija fis-seduta preċedenti.

31.4.07 B'referenza għall-minuti 30.4.03, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li x-xogħol ta' tarmak go Triq it-Torri u Kunċizzjoni reġa' beda għaddej.

31.4.08 B'referenza għall-minuti 30.4.04, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li TM ġabru il-mutur żarmat u abbandunat go Triq L-Zamenhof.

31.4.09 B'referenza għall-minuti 30.4.0, is-Sindku għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-Operations Manager tal-kuntrattur għal-knis dwar nuqqasijiet u proposti biex issiru emendi fl-iskeda
Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-knis go Swatar xorta mhux qed ssir sew u wasal iż-żmien li l-kuntrattur jkun penalizzat. Hawn saret diskussjoni dwar x'qed ikun hemm li mhux sew u Sur Brincat qal li se jibgħat ir-ritratti ta' fejn jgħaddi il-kennies.

31.4.10 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar kif kellu jmur ikellem xi uffiċjali tal-Infurzar biex jiġbed l-attenzjoni dwar skart go parkeġġ li ħareġ minn ħanut u ta t-tweġiba tagħhom. Għalhekk minħabba li ma'tawhx każ kellu jinforma l-Segretarju Eżekuttiv b'dak li gara fejn imbagħad wara li ħa azzjoni dawn marru u ħadu ħsieb li dan ineħħi kollox iżda li ma jafx huwa jekk kienx hemm infurzar kif suppost kellhom jagħmlu.
Is-Segretarju wieġeb li ftit wara li għamel rapport sar kuntatt min ta' fuqhom li informah li dawn nehhewh u bagħtu ritratti li juri li daħħal kollox ġewwa iżda ma' jafx jgħid x'tip ta' infurzar sar.

31.4.11 B'referenza għall-minuti 30.4.08, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li semgħet kummenti tajba għal attività li saret go l-Imsida għal- European Week of Sports.

31.4.12 B'referenza għal-minuti 30.4.09, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar kuntatt ma' Trasport Malta fejn ġiet spjegat il-proċedura għal-applikazzjonijiet ma'CRPD u kif id-distanza minima għal komunali ma tapplikax għal parkeġġ personalizzat.

31.4.13 B'referenza għal- minuti 30.4.10, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk is-sid ta' estabbiliment ġiex mitkellem dwar il-planters u bollards li saru mad-dawra tal-pletform u tkellem dwar il-permessi għal-pletform tal-attività li qed tokkupa il-parkeġġ meta ma tkunx qed tiġi użata.
Is-Sindku wieġbet li marret fuq il-post u kellmitu dwar il-planters li ma' tarax li huma ta' xi ostakolu għax mhux goffi u qed jagħmlu ambjent sabiħ. Dwar is-siġġijiet u mwejjed fuq il-bankina dan wieġeb li jista' jmur għand l-M.T.A. Tkellmet ukoll dwar il-pletform li tintuża għal xi attività fejn wieġbet li ma' tista' tgħid xejn għax ma' ġietx osservata.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota dwar il-pletform tal-attività fejn wieġeb li meta jkun hemm talba għal permess ta'attività fuq ġranet differenti se jkellmu fuqha biex din trid tiġi żarmata meta ma tkunx użata.

31.4.14 B’referenza għal- minuti 30.5.01, Is-Segratarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li d-dipartiment għal- Gvern Lokali approva s-sejħa li ħarġet u ġiet ċirkolata ma’kunsilli oħra u fejn ħadd ma’ applika għal din il-pożizzjoni. Għalhekk din ġiet mgħoddija lil Jobs Plus biex jipproċedi b'sejħa għal barra skond ir-regolament u l-kriterji stabbiliti.

31.4.15 B'referenza għal minuti 30.5.02,Is-Segratarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kunsill mexxa applikazzjoni mar-Regjun Ċentru għal Skema fondi /3 biex jintużaw għat-tiżjin tal-Milied f' Rue D'Argens.

31.4.16 B'referenza għal minuti 30.5.04, Is-Segratarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Kunsill se jkun ipprezentat mis-Sindku , 3 Kunsilliera, Is-segretarju Eżekuttiv u impjegata li se jieħdu sehem fil-proġett ' From the Costa da Morte making a better Europe' li se jsir go Santa Comba fir- reġjun ta' Galicia go Spanja.

31.4.17 B'referenza għal minuti 30.5.05,Is-Segratarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali L-Imsida bagħat risposta uffiċjali lill Kunsill Lokali ta'Xbiex dwar id-deċiżjoni li ttieħdet.

31.4.18 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-bankina go Triq il-Ħarrub u staqsa jekk il-perit għamel xi suġġeriment għal bankina ħalli jkun hemm aktar parkeġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu ma’għamilx konsulta mal- perit.

31.4.19 B'referenza għal minuti 30.5.08, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġew żarmati nofs il-bankijiet go Triq Victor Denaro filwaqt li l-oħrajn se jiġu żarmati jekk xorta jkun għad hemm il-problemi msemmija.

31.4.20 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar il-gutters bejn l-għassa u il-Knisja.
Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar xi gutters oħra go Triq il-Punent.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn għadhom ma'sarux u ħa nota għal Triq il-Punent.

31.4.21 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet lis-Sur Jean Claude Borg dwar is-silhouette tal-presepju.
is-Sur Jean Claude Borg spjega li d-disinn f'dawk ir-ritratti li bagħtet huwa sabiħ iżda mhux bħal dak li hemm bżonn.

31.4.22 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar abbużi minn sidien ta' trakkijiet jew trejlers li qed jitħallew pparkjati go' Triq Indrì Grima u staqsa jekk il-kunsill jistax iġib awtorizzazzjoni minn TM biex teħel tabelli apposta li tindika li vettura kbira ma tistax tipparkja hemm.
Dwar l-istess tip ta' abbuż Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar kif kumpanija li topera fl-Imsida qed tokkupa bosta parkeġġi b'vetturi kummerċjali u staqsa jekk dan huwa skond il-liġi.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ewwel se jivverifika mal-awtoritajiet u ħa nota ta'kollox.

31.4.23 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar katusi li tħalliet mill kuntratturi ta' Triq it-Torri fuq it-traffic island.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li diga sar rapport u reġa' ħa nota.

31.4.24 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar il-keep clear quddiem il-grada għal struttura li saret minħabba l-kostruzzjoni tal-iskola li issa ma'għaddiex hemm u staqsiet biex is-sinjal jerġa ssir kif kien.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li fejn qed issemmi għad rrid ssir ix-xogħol fejn anke fuq il-bankina hemm bżonn jinqalaw il-kumplament tal-bankijiet biex jinbena ħajt temporanju għal protezzjoni.

31.4.25 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ġemgħa ta'nies li jkun hemm għal tal-linja ħdejn l-istage Kulleġġ quddiem id-dar għal- anzjani u kif qed jkun hemm problema għal- istess anzjani biex jimxu minn hemm għax jkun imblokkat bin-nies. Hawn kompla jispjega li għalkemm hija diffiċli ssib soluzzjoni staqsa jekk il-kunsill jistax jipprova jara kif jista' jagħmel xi tip ta'passaġġ għal dawn l-anzjani biex jimxu minn hemm.

31.4.26 B'referenza għal minuti 29.5.14, Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-pletform ta' tower crane go Triq il-Prinċipessa Margaret li ġiet żarmat u spjega li l-bankina ġiet tajba ħafna iżda għad hemm biċċa żgħira li għal xi raġuni għada ma' saritx
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

31.4.27 Is-Sur Maurice Agius staqsa biex ssir bin go Triq Johnny Catania ħdejn iċ-ċentru parrokkjali taħt il-ħarruba.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

31.4.28 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar l-tilqima tal-Influwenza
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sa fejn huwa infurmat li dawn se jingħataw biss miċ-ċentru tal-Gzira.

**31.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

31.5.01 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Ċirkulari AKL 2021/095 dwar MOU Xogħlijiet pubbliċi u għarrfet lill kunsilliera preżenti li fil-ġimgħat li għaddew l-AKL iffirmat ftehim mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex jiġi faċilitat li Kunsilli Reġjonali jew Lokali li jkunu jixtiequ li jagħmlu użu mis-servizz ta' tekniċi esperti kif ukoll ħaddiema assenjati mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jkunu jistgħu jagħmlu dan. Hawn spjegat li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi qed jikkometti li jista' jgħin u jagħti assistenza lill-Kunsilli waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet. Hawn kompliet tispjega li dan il-ftehim huwa l-bażi ta' partnership bejn il-Kunsilli u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Sabiex ikun garantit kooperazzjoni, komunikazzjoni aħjar kif ukoll kollaborazzjoni bejn il-partijiet. Kunsilli interessati jkunu jridu jidħlu fi ftehim mad-Dipartiment b' mod individwali sabiex ikun stabbilit l-iskop tal-proġett, żona indikata kif ukoll kemm se jdum il-proġett innifsu. Fl'istess ħin Il-Kunsill Lokali rispettiv irrid jara li l-finanzi għal proġett propost huma disponibbli u liema finanzi jkopru l-ispejjeż tal-materjal li jkun hemm bżonn biex jitlesta l-proġett. Minnaħa tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jiġi mqabbad Project Leader sabiex ikun responsabbli mix-xogħlijiet tal-proġett rispettiv. Hawn għaddiet xi dettalji bħal spejjeż u ħin għax-xogħlijiet u affarijiet oħra relatati ma' dan l-MOU.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew xi affarijiet li jistgħu ssiru fosthom il-fanali li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja b'referenza għal minuti 30.5.07

31.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Skema Reġjonali Ċentru No.2/2021 dwar rimborż għal servizz ta' tagħlim fil-mużika mgħotija mill-każini tal-baned fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li kull għaqda tal-banda hija eliġibbli sa massimu ta' €2,000 filwaqt li l-għaqda lokali tal-banda kitbet li hemm interess biex tkun tista' tibbenifika minn din l-iskema.

31.5.03 B'referenza għal minuti 26.5.14 għal xogħol ta'manutenzjoni fuq parti mill-bankini tal-parti ta'ġewwa ta'Triq Esperanto li huma fi stat ħażin, Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima addizzjonali biex issir manutenzjoni għal kumplament tal-bankini li huma wkoll fi stat ħażin. Bħal l-istima preċedenti dan jinkludi kisi u jinbidlu xi kurduni fejn jkun hemm bżonn iżda mhux se jmissu ma' servizzi tal-ilma jew drenaġġ għax dan iwassal għal rikostruzzjoni li ma hux fil- funzjoni tal-kunsill. L-istimi oriġinali ġew verifikati mill-perit tal-kunsill għal qisien biex jkunu konformi mal-BOQ tal-kuntratt. Hawn kompliet tispjega li x-xogħol se jkun verifikat mill-perit li se jieħu ħsieb jiċċertifika il-kejl finali mal-kumplament tal-bankini l-oħra go Triq Esperanto liema xogħol f'total huwa stmat € 25,875.82 inkluż il-kontinġenza.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

31.5.04 B'referenza għal-minuti 27.4.10 dwar installazzjoni ta' kameras mill-fondi LESA għall-Proġetti fil-Komunità s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima biex ssir Risk Assessment mandatorja biex tkun konformi ma'GDPR għal - CCTV f'toroq li tammonta għal- €531 inkluż il-VAT.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

31.5.05 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba għal danni minn persuna li rrapportat li weġgħet go Triq Santa Venera. Hawn spjegat il-kontenut fid-dettal tal-aċċident u l-ammont li din il-persuna qed titlob €200.13 li huwa ta' relatat ma' kura.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li qabel din it-talba għanda tmur għand l-avukat għal parir legali.

31.5.06 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda rapport ta' ħsara fl-istruttura l-kbira li hemm fil-bandli tas- Swatar li ma jista' ssir xejn biex tissewwa. Hawn b'referenza għal-minuti 23.5.09 spjegat li l-kunsill għandu applikazzjoni għal fondi taħt skema SPI/SCI/2/2021 li għada qed tkun kunsidrata mill-bord tal-għażla.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li din tinsab fi stat li huwa ta' periklu għat-tfal minkejja li din ġiet issiġillata għax hemm min qed ineħħi il-miżuri ta'protezzjoni u jkun aħjar jekk tkun żarmata filwaqt li l-kunsill imexxi ma' l-istima li hemm ġa fil-proposta li hemm fl-Applikazzjoni biex din ssir mal-ewwel u ma' joqgħodx jistenna lill-bord li ilu għaddej minn Frar biex jieħu deċiżjoni.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li jaraw x'hemm bżonn ssir biex jitneħħa il-periklu u tinbidel l-istruttura.

31.5.07 Wara sejħa għal proposti u stima b'referenza għal minuti 29.5.23 dwar armar u tiżjin tal-Milied go toroq, Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stima waħda li waslet sa żmien mitlub liema ammont huwa ta' €5900 u jinkludi il-VAT.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw u qablu unanimament ma' tiżjin ta'toroq propost.

31.5.08 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda u spjegat fid-dettal Mandat ta kollaborazzjoni dwar proġett ta' studju dwar (Circular Economy for a sustainable future) mal-lokal ta' Thessalonika fil-Greċja. Hawn spjegat li dan huwa proġett ieħor minn fondi Ewropej u li huwa pjanat ssir bejn it-23 u 25 ta'Mejju 2022. Hawn kompliet tispjega li kull ma jrid iħallas il-kunsill huma €200 biex jkun hemm akkomodazzjoni u ikel aħjar għal żewġt persuni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

31.5.09 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai b'referenza għal minuti 27.5.04 għarrfet lill kunsilliera preżenti li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv waqt laqgħa li saret mal-operatur tal- iskemi awtorizzat ġiet diskussa l-proposta ta' kollezzjoni addizzjonali fil-ġimgħa u liema għandha tkun il-ġurnata iżjed ta'ġbir għal skart riċiklat li tista' tkun bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Hawn spjegat li għal darba fix-xahar jista' jkun hemm diffikultà bil-Ġimgħa minħabba li jinġabar ukoll il-ħġieġ

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li l-ġurnata tal-ħġieġ tista' tinbidel għal l-ewwel Ħamis ta'xahar u l-Ġimgħa tkun il-ġurnata addizzjonali għal ġbir ta' skart għar-Riċiklaġġ flimkien ma' dak organiku.

31.5.10 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar possibilità li ssir attività tal-Milied f'Misraħ San Guzepp fil-pjazza nhar it-12 ta'Diċembru. Spjegat ukoll li minkejja li ħarġet skema għal fondi biex ssir xi tip ta'attività għal Milied il-kriterji mitluba huma ħafna għal l-attività li hija maħsuba li tkun ta' tlett sigħat biss. Filwaqt li fil-lokalità il-Misraħ huwa l-aktar post ideali l-esperjenza tal-passat għallmet li din tiddependi ħafna minn element ta' temp. Hawn poġġiet fuq il-mejda stima ta'bosta servizzi differenti minn artisti jew żeffiena flimkien ma' xi apparat li l-kunsill jista' jagħżel biex ssir attività żgħira flimkien ma' stalls għal christmas market żgħir. Għalhekk wara kunsiderazzjoni tal-programm li jista' ssir l-għażla tkun tammonta għal €4000.

Is-Sur Jean Claude Borg ta' deskrizzjoni tal-programm li jinkludi kunċert, band, żfin, karattri u artiġjanat. Ma' dawn hemm palk ,tinda ,bouncing castle, dawl u sistema PA.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

31.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti u spjega li skond artiklu 33 (A2) fl-aħħar ta' kull sena, kull kunsillier għandu jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam li għalih ikun responsabbli liema rapporti għandhom jiġu inklużi fir-rapport amministrattiv. Għalhekk qed jitlob lill kunsilliera biex dan ikun preżentat biex jibda jitfassal il-programm ta'proposti għal ħidma fis-sena 2022 liema proposti rridu jiġu preżentati għal laqgħa pubblika li trid ssir sa mhux aktar tard mill-15 ta'Diċembru

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li l-laqgħa pubblika għanda ssir it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fil-5:00p.m u wara għanda ssir is-seduta tal-kunsill.

**31.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

31.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppja tal- 3rd Qtr Financial Indicators mill-1 ta'Jannar sa' 30 ta'Settembru 2021 u reviżjoni tal-Estimi. L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu finanzjarju b'bilanċ pożittiv ta' 58% li kompla ssaħħaħ il-qagħda finanzjarja, u wieġbet fid-dettall għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li saru xi reviżjonijiet żgħar fl-estimi skont dak li hu previst li tingħalaq is-sena. Kif ġa maħsub l-ammont se jippermetti li tiżdied ir-riserva bi ħsieb biex jagħmel tajjeb u jevita problema ta'cash flow meta ssir ħlas għal proġetti li hemm pjanata u finanzjati minn fondi tal-kunsill. Hawn kompla jispjega li l-kunsill jinsab wkoll f'pożizzjoni li 21.6.01 li jifdi l-ammonti ta' €42,000 li fadal fuq self mill-bank u jiffranka l-interessi.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament ir-rapport ddiskutew, u qablu li jekk il-kunsill se jiffranka l-interessi fuq is-self tal-bank dan għandu jinqata.

**31.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

30.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-31 ta' ħlasijiet bejn l-23 ta'Settembru 2021 sa 19 ta'Ottubru 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Maurice Agius u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia .

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**31.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

31.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:47 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 16 ta'Novembru 2021 fil 5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 16 ta'Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |